MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tad-29 ta' April, 2015

Appell Civili Numru. 3/2014

**George Borg**

**Vs**

**Direttur tas-Sigurta Soċjali**

Il-Qorti,

Rat id-decizjoni tat-22 ta' Jannar 2014, fejn l-Arbitru ippronunzja s-segwenti decizjoni:

> *"L-Arbitru*
>
> *Ra l-appell*
>
> *Ra r-risposta*

*Ikkonsidra*

*Illi b'ittra datata 2 ta' Diċembru 2010 l-appellant ġie informat biex jirrifondi dak li kien tħallas żejjed fis-somma ta' €1341.62c bħala għajnuna għal diżimpjieg għall-perjodu 28 ta' Awwissu 2010 sat-3 ta' Diċembru 2010 u dana peress li waqaf jirreġistra.*

*Illi ġie interpost appell b'ittra datata 28 ta' Diċembru 2010.*

*Illi d-Dipartiment irrisponda b'ittra datata 2 ta' April 2012.*

*Jirriżulta illi fil-perjodu partikolari l-appellant kien rinkażat minħabba raġunijiet mediċi. Seta faċilment jinforma lill-awtorita konċernata b'sempliċi ittra. Una volta pero li r-raġuni hija ġustifikata allura l-appellant mhux tenut jirrifondi".*

Illi l-fatti kif jirriżultaw mill-atti huma s-segwenti. George Borg, appellat, kien benefiċċjarju tal-Għajnuna għal Diżimpjieg sat-3 ta' Diċembru 2010. Id-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali irċieva informazzjoni mill-Employment and Training Corporation illi huwa kien naqas li jirreġistra taħt l-ewwel taqsima tar-reġistru sa mis-27 ta' Awwissu 2010. Illi fit-2 ta' Diċembru 2010 id-Direttur ħa d-deċiżjoni tiegħu li kellha titwaqqaf l-għajnuna għal diżimpjieg peress illi dan waqaf jirreġistra u sussegwentament talab lil George Borg jirrifondi s-somma ta' €1341.62 liema ammont kien indebitament imħallas lilu bħala Għajnuna għal Diżimpjieg għall-perjodu bejn it-28 ta' Awwissu 2010 u 3 ta' Diċembru 2010.

L-Arbitru irrevoka din id-deċiżjoni tad-Direttur u qal li l-benefiċċjarju kien rinkażat minħabba raġunijiet mediċi u għalhekk r-raġuni għalfejn dan ma irreġistrax hija ġustifikata u allura ikkonkluda illi l-appellat ma kienx tenut jirrifondi l-ghajnuna socjali moghtija lilu.

Id-Direttur appellanti ħassu aggravat minn din id-deċiżjoni peress ill skond huwa l-Arbitru ma mexiex *rite u recte* fit-tfassil tad-deċiżjoni tiegħu u għamel apprezzament ħażin tal-liġi u tal-provi prodotti quddiemu. Id-Direttur ħassu aggravat minn din is-sentenza ukoll peress illi skond huwa ma hemm ebda raġuni valida ghalbiex l-Arbitru ghandu jissostitwixxi d-diskrezzjoni tad-Direttur .

Illi l-Artikolu 30 tal-Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula illi:

***"Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, persuna li tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet dwar il-kontribuzzjonijiet rilevanti u li ma tkunx laħqet l-età ta' pensjoni, għandha tkun intitolata għal Benefiċċju għal Disimpieg skont it-Taqsima I tat-Tielet Skeda li tinsab ma' dan l-Att għal kull jum ta' disimpieg, barra mill-Ħdud, kemm-il darba din tkun reġistrata taħt l-Ewwel Taqsima tar-Reġistru miżmum skont id-disposizzjonijiet tal-Att dwar is-Servizzi ta' Impieg u Taħriġ;*** (sottolinjar tal-Qorti)

Jirriżulta illi skont dan l-imsemmi artikolu, hija kondizzjoni *sine qua non* illi biex persuna tirċievi l-benefiċċju tad-disimpjieg, hija trid tkun tirreġistra skont l-Ewwel Taqsima tar-Reġistru miżmum skont id-disposizzjonijiet tal-Att dwar is-Servizzi ta' Impieg u Taħriġ.

Id-Direttur appellanti jgħid illi fis-27 ta' Awwissu 2010 il-Korporazzjoni ta' Xoghol u Tahrig (l-ETC) waqqfet lill-appellat milli jkompli jirreġistra. Da parti tiegħu l-appellat jgħid illi huwa waqaf jirreġistra minħabba raġunijiet ta' saħħa.

Jirriżulta lil din il-Qorti illi l-appellat waqaf jirreġistra fis-27 ta' Awwissu 2010. L-appellant ippreżenta ċertifikat mediku datat 14 ta' Ottubru 2010 skond liema ċertifikat l-appellat kien qiegħed jistenna operazzjoni u ma setax jimxi sa mill-1 ta' Settembru 2010.

Jiġi osservat ukoll illi wara d-deċiżjoni tad-Direttur tat-2 ta' Diċembru 2010, l-appellat bagħat javża lill-Umpire b'ittra datata 28 ta' Diċembru 2010 illi huwa kien għadu qiegħed jirkupra mill-operazzjoni illi għamel u meta jkun tajjeb kellu xogħol lest jistennieh.

Illi ezaminati l-atti probatorji, din il-Qorti tghid minghajr tlaqliq, illi ma tistax taqbel mal-konklużjoni raggunta mill-Arbitru illi l-appellat kellu raġuni valida, u ċioe raġuni ta' saħħa li impedietu milli ikun jista' jimxi, sabiex huwa ma jirreġistrax. Jiġi osservat illi fis-seduta quddiem l-Umpire tal-4 ta' Diċembru 2013, ir-rappreżentant tal-ETC spjega illi sabiex ikun jista' jingħalaq l-impjieg mal-ETC, persuna trid tkun nehhiet ir-registrazzjoni taghha mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (u cioe tagħlaq n-numru tal-VAT), kif ukoll in-numru tat-Taxxa fir-rigward tal-kumpanija fejn huwa impjegat u ghandu interess u wara dan tkun tista tirreġistra taħt l-ewwel parti. Jirriżulta mill-*Memorandum and Articles of Association* esebiet in atti, illi George Borg kien għadu direttur tas-socjeta Verdala Antiques Limited. Jiġifieri lil din il-Qorti jirriżultalha illi din kienet ir-raġuni vera li wasslet sabiex l-appellat George Borg jitwaqqaf milli jirreġistra, u mhux dak minnu sottomess fl-appell intavolat ghad-decizjoni tad-Direttur. Dan ma jistax ifisser kwindi illi n-nuqqas minn naha tieghu li jottempera ruhu ma' dak rikjest fil-ligi sabiex ikun intitolat jibbenifika mill-ghajnuna socjali, kien dak li wassal ghad-decizjoni tad-Direttur. Illi l-ligi tispecifika il-komportament mistenni mill-beneficjarju jew kontribwent sabiex huwa jissodisfa ir-rekwiziti mehtiega ghall-ghoti tal-beneficcju spettata minnu fl-applikazzjoni minnu maghmula. In-nuqqas ta'adezjoni ma dak il-komportament ghalhekk necessarjament iwassal ghat-telfien ta' dak il-jedd mitlub u mistenni minnu.

Għal dawn il-motivi, l-appell tad-Direttur tas-Sigurta Soċjali qed jiġi milqugħ u b'hekk is-sentenza tal-Arbitru qed tiġi revokata b'dan ghalhekk illi d-deċiżjoni tad-Direttur datata 2 ta' Diċembru 2010 qed tigi ikkonfermata.

Fic-cirkostanzi l-appell ghandu jibqa' bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------